dawn ta' l-aħħar. Jaħasra inti trewwaħ u tgerger u tilminta u inhuma għaddejjin qisu mhux huma. Tibda tfantas li dawn nies għandhom l-ishaħar ma jidhrux irewħulhom bil-velijiet ta' Baghdad u bil-palm taċ-Ċedron; tibda toħlom li xorbu xi duwa li tharishom mir-riħ isfel kif l-allat kienu taw id-duwa lill-Ulisse meta kien riesaq lejn id-dar ta' Ċirċe; tibda taħseb li dawn mhux nies ta' din l-art, iżda nies imdorri-barra għalina jin fis-sħana ta' taħt il-qoxra tal-art, ilsiera ta' Vulkani, u għalhekk ir-riħ isfel għalihom qisu r-riħ fuq għalina. U tibqa' sejjer tfantas u tfantas sakemm tintebaħ li waqt li inti ħlomt huma għamlu li kellhom jagħmlu u int għadek lanqas biss rad-dejt salib. U nies bħal dawn ţassew ta' min jammirahom għax jogħlew il fuq mill-ambjent tagħhom u juru li huma sidien tagħhom infushom. Fejn naf, bin is-sengħa għandu nofsha u għalhekk li bin is-sengħa jitgħallimha u mhix xi ħaġa ta' min jibqa' mnixxef biha. Iżda ta' min jitnixxef bil-ħidma ta' dawk li mhumiex bin is-sengħa u li tgħallmuha u ħakmuha u għam-luha tagħhom. U l-istess għan-nies li jaħdmu fir-riħ fuq u fir-riħ isfel.

Imbagħad issib filosofi li jgħidulek li l-moħħ tal-bniedem biss jeżisti. Iriduna nemmnu li d-dinja ta' madwarna hija biss fantażija. Mur obsor! Ara kieku l-bniedem kif ħeles mir-riħ isfel billi tajru minn ġo moħħu! Iktar filosfu, almenu iktar fi-losfu prattiku, dak li sab ir-rimedju għar-riħ isfel meta f'kelma waħda qal: "Tixrobx".

## MINUETTO

*Ta'*, WALLACE PH. GULIA

Holma ta' ġwienaħ ta' ħamiem jittajjar,
ta' papri bojod igħumu fl-ilma ġieri,
ta' qlugħ jitlajja fuq il-fidda u l-iżraq
fil-bogħod, fix-xemx, maż-żiffa.
Holma ta' kwiekeb jiddu fil-għaxija
f'tal-lejl id-difa;
qawsalla;
friefet ħafifa jtiru qalb il-fjuri;
għajnejn tarbija mistreħin jitbissmu —
ħolma ta' serħ u sliem, ta' sebħ u seher …



## IS-SEBH

*Ta'* P. UGO MALLIA, O. CARM.

Ngħarrex mit-twieqi,
inħassar b'idi l-fwawar sħan li għaqdu
u saru qishom nida fuq iż-żgieg;
kont qed inħares fuq il-firxa wiesgħa,
li tilmaħ minn ġot-twieqi
tas-'Sacred Heart':
w għajnejja ġrew
minn truf Sant'Jermu,
sa truf Ħal Luqa
miġbura lkoll fi sħaba,
ikantaw mas-sebħ
il-'Prima' tagħhom
bil-ħidma li qed tqum

Hawn taħti,
mal-moll tal-'Manoel Island',
l-imrietel għadhom rieqda
fuq il-vapuri ħiemda
tilgħin u niżlin, bla tinduna,
maċ-ċafċifa ħafifa
titliegħeb mal-ġnub tagħhom
u tħanninhom,
u traqqadhom
aktar fil-fond.

Il-knejjes kollha ħajja;
fit-twieqi ta' l-Imsida u f'dawk tal-Gżira
id-dawl ilu li xegħel,
u l-qniepen tagħhom
minn kmieni bdew isejħu lill-fidili
għall-wens u l-ġabra m'Alla
li reġa' tana s-sebħ:
kultant il-fewġa friska
imfewwħa bil-fjuri t'April
twassal xi tokk tqil
mill-qniepen kbar
ta' Birkirkara.